MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1560/2001/1

**John Calleja u Miriam Said lkoll ahwa Calleja u bhala eredi tad-defunt Oliver Calleja.**

**-vs-**

**Il-Ministru tas-Sahha u d-Direttur Generali tas-Sahha fil-kwalita' tieghu ta' Tabib Principali tal-Gvern.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-24 ta' Settembru, 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi nhar il-Gimgha 27 ta' Lulju 2001, missier l-atturi, l-ormai defunt Oliver Calleja ta' 68 sena, kien rikoverat fil-Isptar San Luqa u kien ilu hekk rikoverat minn xi gimgha qabel fl-imsemmi sptar, jiehu l-kura ghal xi griehi li sofra f'xi accident fl-isptar Monte Carmeli fejn kien ilu rikoverat.

Illi l-imsemmi Oliver Calleja kellu storja twila ta' depressjoni akuta u f'aktar minn okkazjoni wahda kien ipprova jnehhi hajtu b'idejh kif jistghu jiccertifikaw l-Awtoritajiet ta' l-isptar Monte Carmeli kif ukoll ic-Centru ghall-Anzjani San Vincenz de Paule.

Illi meta l-imsemmi Oliver Calleja gie ammess fl-isptar San Luqa, l-Awtoritajiet koncernati kienu gew infurmati dwar il-kundizzjonijiet psikologici tieghu u dwar ir-riskji u l-perikli li kien jipprezenta u ghalhekk kellhom jittiehdu l-mizuri u l-prekawzjonijiet kellha opportuni sabiex il-pazjent ikun sorveljat erbgha u ghoxrin siegha fuq erbgha u ghoxrin siegha.

Illi minkejja li l-Awtoritajiet ta' l-isptar kienu jafu bl-istorja tal-pazjent, huwa xorta wahda gie ammess f'sala, fir-raba' sular ta' l-istess Sptar, liema sala, l-M3 ghandha gallarija tul is-sala kollha. Ghalkemm l-Awtoritajiet ta' l-isptar ingibditilhom l-attenzjoni ghall-periklu pprezentat mill-gallarija huma assikuraw lill-protestanti li ma kienx hemm ghalfejn wiehed jippreokkupa ruhu u biex iserrhu rashom ghaliex il-pazjent kien ser ikollu sorveljanza stretta 24 siegha fuq 24 siegha.

Illi nhar il-Gimgha 27 ta' Lulju 2001, ghall-habta tas-7:10 ta' fil-ghodu hin arrapurtat ta' l-incident, l-imsemmi Oliver Calleja thalla wahdu u b'mod u manjiera li sab il-hin kollu biex jixxabbat ghal fuq it-tieqa ta' l-istess gallarija, li tinsab xi sitt piedi gholja mil-livell ta' l-art ta' l-istess sala u jaqa' ghal isfel minn gholi ta' erba' sulari u jitlef hajtu.

Illi l-konvenuti huma responsabbli ghall-akkadut minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti taghhom.

Illi l-konvenuti nterpellati ufficjalment biex jersqu ghal-likwidazzjoni tad-danni baqghu nadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma unikament responsabbli ghall-mewta tragika ta' Oliver Calleja li grat fis-27 ta' Lulju 2001 minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti taghhom, u kwindi responsabbli ghall-hlas tad-danni.

2. Tillikwida d-danni okkorendo bl-opera ta' perit nominad.

3. Tordna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi dik is-somma kif likwidata bhal danni sofferti mill-atturi ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjes u bl-imghaxxijiet sal-pagament effettiv inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-31 ta' Lulju 2001 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa minn John Calleja ID 440363 (M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fit-30 ta' Novembru 2001 li permezz taghha l-konvenuti ecepixxew:

Illi preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni fil-konfront tat-Tabib Principali tal-Gvern stante li dan il-konvenut ma' giex notifikat bi protest jew ittra ufficjali u dan bi ksur ta' l-Artikolu 460 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).

Illi preliminarjament il-konvenut Ministru tas-Sahha ma hux legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma kien bl-ebda mod involut fl-immaniggjar tal-pazjent Oliver Calleja.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz hadd mill-konvenut ma jirrispondi ghad-danni reklamati stante li hadd minnhom ma agixxa b' mod negligenti, bi traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa minn Dr. Ray Busuttil, Tabib Principali tal-Gvern u lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Marzu, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut Direttur Generali tas-sahha qed jeccepixxi n-nullita’ tal-azzjoni fil-konfront tieghu stante illi huwa ma giex notifikat b’ att gudizzjarju qabel ma giet intavolata l-kawza kif jistipula l-Artikolu 460 (1) tal-Kap 12.

In effetti l-atturi pprezentaw protest gudizzjarju li kopja tieghu giet esebita fis-seduta imsemmija. Ghalkemm il-konvenuti t-tnejn gew citati fil-protest, mir-riferta jidher li saret biss notifika lill-Ministru tas-Sahha, izda mhux lid-Direttur Generali. Li gara kien li meta tnizzel l-indirizz dan sar hdejn il-kelma *protestati* bir-rizultat li l-marixxal nizzel notifika wahda biss. Ma hux indikat jekk l-atturi kienux presentaw tlett kopji (wahda kull wiehed ghall-konvenuti u ohra ghall-Avukat Generali). Dak li hu cert hu li ma jirrizulta ebda riferta li tikkonferma n-notifika tad-Direttur Generali. L-artiklu 185 tal-Kap 12 jghid li anke meta zewg persuni jghixu fl-istess post ghandhom jigu notifikati t-tnejn bl-att gudizzjarju. Fil-kaz in kwistjoni, fil-waqt li z-zewg konvenuti ghandhom l-istess sede

u setghu gew notifikati t-tnejn fl-istess indirizz, dan ma jfissirx li notifika wahda tkun bizzejjed, izda kif jghid l-Artiklu 185 imsemmi, kellhom isiru zewg notifiki. Jekk dan ma sarx, kien jinkombi fuq l-atturi li jaraw li dan isir qabel ma intavolaw il-kawza.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur Generali tas-Sahha u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------